**1 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Zammit

**Traffiku — "Round-About"**

*Għalkemm ma jidherx li hemm bżonn, biex ikun hemm "round-about", li jinħareġ xi avviż tal-Pulizija, però hu loġiku li "round-about" għandha tkun, esternament, rikonoxxibbli raġjonevolment bħala tali. Biċċa art ma ssirx "round-abount", bir-responsabbiltajiet kriminali kollha li huma mplikati bl-eżistenza tagħha, sempliċment għax il-Pulizija tiddeċidi "marte proprio" li hi tali; imma jeħtieġ li tkun rikonoxxibbli bħala tali, bil-fatturi jkollha l-karatteristiċi, jew almenu xi wħud minnhom, li soltu wieħed jara f'"round-abouts".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Zammit quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fis-27 ta' Settembru 1957, f'xi d-9.30 p.m., waqt li kien qiegħed isuq l-ambulanza nru. 60 R.N. 36 minn Nationl Road lejn Granaries Square, Floriana, naqas iżomm ir-"round-about" fuq in-naħħa tal-lemin tiegħu, u naqas ibaxxi d-dawl tal-"head lamps" meta traffiku ieħor kien ġej mid-direzzjoni opposta; barra minn dan, minħabba f'nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, traskuraġni, u għax ma osservax ir-regolamenti, ħabat ma' cycle nru. 13105 u għamillu ħsara għad-dannu ta' Frank Gatt; iżjed, għamel feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Frank Gatt, kif iċċertifika Dr. A.E. Bartolo, M.D.;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Diċembru 1957, li biha sabet lil Joseph Zammit ħati tal-ewwel imputazzjoni u mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, u ddikjarat il-proċediment eżawrit fuq l-imputazzjonijiet l-oħra, u kkundannatu għal £1 ammenda fuq l-ewwel imputazzjoni, u lliberatu mit-tieni;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata fil-parti kundannatorja tagħha;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appell hu fuq l-ewwel imputazzjoni kontenuta fiċ-ċitazzjoni, peress li l-imputat ġie kundannat biss għar-rigward ta' din l-imputazzjoni;

Issa, din l-imputazzjoni tippostula l-eżistenza ta' "round-about". Id-difiża tikkontesta l-pretiża tal-Prosekuzzjoni li f'dik il-lokalità hemm "round-about";

Si tratta, fil-każ in ispeċje, ta' qatgħa żgħira, ta' forma ovali, imdawwra b'ċint baxx ta' xi tmienja jew għaxar pulzieri għoli, bl-apparenza ta' ħaġa inkompleta, li qegħedha pjù o meno fil-kuċċata tat-telgħa ta' Porte des Bombes. Hu notorju illi l-istatwa storika tal-Ljun tal-Furjana ġiet imneħħija mill-post fejn kienet minn żmien kollokata, u dan minħabba xi adattament stradali għall-aħjar vijabilità tat-traffiku, u issa hu mistenni komunement li l-qatgħa fuq imsemmija sejra titlesta appuntu bħala sit alternattiv għal dik l-istatwa;

Għalkemm ma jidherx li hemm bżonn, biex ikun hemm "round-about", li jinħareġ xi avviż tal-Pulizija, però hu loġiku li "round-about" għandha tkun, esternament, rikonoxxibbli raġjonevolment bħala tali. Issa, f'dan il-każ, ma hemm xejn li jista' jagħti "ad intendere" li din il-qatgħa hi "round-about". Apparti li l-ġeneralità tan-nies tikkunsidraha, mhux bit-tort, bħala sit li qiegħed jiġi preparat, kif ingħad għall-kollokament tal-istatwa tal-Ljun,

hemm nuqqas assolut tal-karatteristiċi ta' "round-about". Ma hemmx, per eżempju, is-soliti dwal fil-bażi tagħha, jew xi singi bojjod u suwed, jew xi fanal fuqha, jew xi tabella jew sinjal, jew xi indikazzjoni oħra. Għandu anki jiżdied li fil-Gazzetta tal-Gvern, Supplement Nru. X tat-30 ta' Lulju 1956, ġew publikati regolamenti dwar is-sinjali tat-traffiku, u fosthom hemm, fil-paragrafu XV, riproduzzjoni grafika ta' sinjal, ċjoè ta' ċirku kulur aħmar u, ġo fih, tliet vleġġeġ kulur iswed, ta' forma kurva, waħda ssegwi *lill-oħra*, b'dawn il-kliem:— "This sign indicates the approach to a traffic round-about......";

Ma ġiex allegat li hemm xi sinjal simili;

Hu ovvju li biċċa art ma ssirx "round-about", bir-responsabbiltajiet kriminali kollha li huma mplikati bl-eżistenza tagħha, sempliċement għax il-Pulizija tiddeċidi "marte proprio" li hi tali; imma jeħtieġ li tkun rikonoxxibbli bħala tali, billi jkollha l-karatteristiċi, jew almenu xi wħud minnhom, li soltu wieħed jara f'"round-about";

Għalhekk l-imputazzjoni mhijiex pruvata, u l-appell jirnexxi;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata fil-parti li biha rriteniet ħati l-appellant tal-imputazzjoni fuq imsemmija, tiddikjarah mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.